**Nota ta' l-Editur**
Navżaw li dawk li jirrappurtaw grazzji maqlugħa minnhom jew minn ħaddieħor li għandhom jgħarrfu lill-Editur ta' dan il-Fuljett bid-dettalji li ġejjin:

a) Għandu jkun hemm id-data ta' meta jsir ir-rapport.

b) Jingħata l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon ta' min jirrapporta l-grazzja. Dan għandu jsir anke meta wieħed ikun irid li ismu ma jiġix ippubblikat. F'dan il-każ, l-isem **ma jiġix ippubblikat**, imma huwa importanti li jkollna l-isem, l-indirizz u l-firma ta' min jirrapporta l-grazzja biex ir-rapport ikun jista' jinżamm fir-records tal-Moviment. Rapport mingħajr dawn l-inqas dettalji ma jiswa xejn.

ċ) Dettalji oħra importanti huma: iż-żmien meta nqalgħet il-grazzja; isem it-tabib (jekk kien hemm wieħed); fiex tikkonsisti l-grazzja u ċ-ċertifikat tat-tabib għal fejqan li sar (mhux kif sar il-fejqan).

In-numru tat-telefon u l-indirizz huma importanti għax l-Editur ikun irid jaf ċerti dettalji li jkunu neqsin fir-rapport; għalhekk ikun irid jagħmel kuntatt ma' min qala' il-grazzja.

Navżaw li rapporti oħra ta' grazzji maqlugħa se jiġu ppubblikati f'numru ieħor ta' dan il-fuljett.

## AVVIŻI

1. Il-Laqgħat ta' talb li jmiss se jsiru kif ġej:

| | |
|---|---|
| Fid-19 ta' Lulju, fil-6.30p.m. | Fit-2 ta' Awissu, fis-6.30p.m. |
| Fis-16 ta' Awissu, fis-6.00p.m. | Fis-6 ta' Settembru fil-5.30p.m. |
| Fl-20 ta' Settembru, fis-5.30p.m. | Fl-4 ta' Ottubru, fil-5.00p.m. |
| Fit-18 ta' Ottubru, fil-5.00p.m. | |

2. Is-seba' ktieb fis-sensiela ***Titular Ġdid*** ..., jinsab għall-bejgħ. Tistgħu takkwistawh mill-Girgenti jew tiktub lis-Segretarja:

**Dr. S. Spiteri, LL. D,**
**16, St. James Str.,**
**Siġġiewi.**

jew lill-Editur ta' dan il-fuljett

**Bro. Victor Privitera, F.S.C., B. A.,**
**Stella Maris College**
**Gżira GZR 04**

Il-prezz tal-ktieb hu: Lm1.50,0.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 35 LULJU 1998 JITQASSAM BLA ĦLAS



**L-ewwel laqgħa il-Girgenti, 5 ta' Mejju 1986**

## IL-PELLEGRINAĠĠ TA' MEJJU 1998

Fil-ħamsa ta' Mejju, sar il-Pellegrinaġġ ta' kull sena il-Girgenti. Ħafna nies attendew u fosthom dehru ħafna uċuħ ġodda. Ma' din l-okkażżjoni kien ukoll jaħbad it-tnax-il anniversarju ta' meta tqegħdet l-istatwa tal-Madonna. Għalhekk inqraw is-siltiet li ġejjin minn recording fejn Ġuża tgħidilna x'qaltilha l-Madonna, rigward il-preżenza tal-istatwa il-Girgenti.

"Jiena ħa ngħidlek, binti, illi mill-ewwel darba li inti tellajtni fil-5 ta' Mejju tas-sena 1986 ħadd u ħadd ma jaf il-ġid kbir li sar f'ħutkom, f'ħafna erwieħ illi kienu 'l bogħod mill-Mulej, illi kienu 'l bogħod minn Ġesù ta' l-Ewkaristija, daka jafu l-Mulej, jafu Ġesù ta' l-Ewkaristija u nafu jien u ħa

nġagħlek tifhem ftit inti wkoll x'sar hemm fuq. Dana hemm fuq saru mirakli kbar qalb ħafna erwieħ illi dawn l-erwieħ bħalma għedtlek ftit ilu kienu erwieħ tal-bronż, erwieħ li ma jagħirfux lil Alla. Dawn telgħu hemm fuq, qegħdin jitilgħu hemm fuq anka x'ħin isir il-ħin tad-dalma tal-lejl biex hemmhekk jitolbu lili u m'humiex jiġu jħabbtu lilek għaliex inti għedtilhom illi m'għadekx tiflaħ u fil-fatt dan huwa veru u ħa ngħidilek jiena kemm hu veru. Il-vuċi tiegħek ma għadhiex kif kienet qabel, il-vuċi tiegħek li jiena rrid inqawwilek biex inti tkompli turi bil-qawwa kollha l-evanġelju tal-Mulej u ta' Ġesù Kristu. Dana qegħda tkompli tagħmlu minkejja illi saħħtek ma għadhiex li kienet, u jiena ħa ngħidlek illi minn din id-dinja inti qegħda tara x'qed jagħmel miegħek il-Mulej għax filli tkun mejta u filli jerġa' jagħmlek għal li kont, ħajja. Il-kelma tiegħek hija kelma soda, kelma li ma tixxejjirx 'l hemm jew 'l hawn, kelma illi jiena qegħda nkun miegħek biex inti tkompli tissodaha tagħmilha soda u tkun ħafna umli, tieħu ħafna sabar ...".

"Dik l-istatwa illi inti tellajt fil-Girgenti ... allavolja hemm min jgħid kemm hija kerha u kemm hija sabiħa, dana ma jimpurtax, ħadd ma jista' jġib ir-ritratt tiegħi. Imma f'dik l-istatwa tiegħi jiena qegħda nniżżel ħafna u ħafna grazzji u ħa ngħidlek, binti, li kkonvertew ħafna erwieħ kemm mill-art fejn toqgħod inti ta' Malta u Għawdex u anka barranin. U dana ħa nibqa' nagħmlu anka meta inti tgħib għal dejjem minn din id-dinja, nagħmlu kemm f'dak il-post tal-Girgenti u anka fid-dar fqira tiegħek, permezz ta' dawn id-dehriet li jiena għamiltlek u issa li smajt lill-Mulej.... Kompli xerridhom dawn ir-rivelazzjonijiet, kompli xerridhom dawn il-messaġġi li tajtek jiena u anka rigward dan il-lejl kbir illi jiena qed ngħidlek li dina kienet grazzja tal-Mulej illi qallek kemm qegħda ssofri dik il-qalb li tant qegħda tagħmel affarijiet sbieħ fid-dinja.

"Minn dan il-messaġġ ħerġin għejjun kbar ta' grazzji, grazzji spiritwali u grazzji materjali. Inti tellajt l-istatwa tiegħi minn qalbek u bil-kuraġġ tiegħek kollu minkejja dawk il-ħalel kollha ta' ntoppi li għamlu kontrik biex din l-istatwa inti ma ttellagħhiex. Imma inti tant għamilt qalbek soda, mis-sema il-Mulej tak saħħa kbira u kuraġġ kbir f'qalbek biex l-istatwa titla', *għax kieku dik l-istatwa ma telgħetx bħalma rrivelajtlek jiena, ma nafx x'kien isir ġo Malta*. Inti taf x'kien jiġri u meta għedtilhom xi ħaġa ukoll, ħaġġruk bil-ġebel bħalma ħaġġru lil Kristu, imma dan għadda wkoll u kellhom joqogħdu għax l-Id tal-Providenza t'Alla ħadd ma jista' jwaqqafha."



Issa ġejja silta oħra, issa dħalna 'l ġewwa iżjed. Mulej, għallimna nitolbu. Mulej, għallimna naħfru lill-għedewwa tagħna, Mulej Ġesù, għallimna aktar ikolna fiduċja kbira fil-paċi ta' bejnietna, Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, qawwilna qlubna b'ħafna mħabba vera versu lejk. Qegħda nitbissem ħafna bħalissa f'dana il-lejl għaliex għadni kemm iltqajt ma' l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti u staqsejtha bħalissa hix tbati kesħa f'dika r-rokna fejn hi qegħda f'dak il-mafkar fejn qaltli biex nagħmilha u hi qaltli: "Kif jiena ma nistax inbati kesħa għax fl-istatwa ikun hemm l-ispirtu tiegħi divin għal dawk in-nies li jkunu qegħdin jitolbu quddiemi biex jiena mingħand Alla nitlob għalihom biex jaqalgħu dak kollu li għandhom bżonn." Qaltli: "Spiritwali jaqalgħu dejjem u materjali jaqalgħu ukoll."

U għalhekk ħa ngħidilkom, ħbieb, biex dina l-istatwa tal-Madonna illi qegħda poġġuta kif riedet hija f'dawk l-inħawi tal-Girgenti, itolbuha bil-qalb, itolbuha bl-akbar sagrifiċċju, li tkunu thossu quddiemha li minnha ħa taqalgħu żgur, jekk ma tarawx li tfiqu fil-ġisem materjali tagħkom ħa takkwistaw xi ħaġa spiritwali fir-ruħ tagħkom. U għalhekk miegħi għidu dan is-salm illi riedet u qaltli hi: Madonna tal-Girgenti, aħna li qegħdin nitolbuk b'ħafna kuraġġ, b'ħafna sabar, b'ħafna qalb kbira, aħna li ġejna minn ħafna bogħod agħmel lilna u l-familji tagħna kuntenti. Ta' dan ngħidulha grazzi lill-Madonna għal dan kollu li qed tagħmel magħna.

**Peress li dakinhar kien jaħbat ukoll is-sitt sena mit-tqegħid tas-salib fil-Girgenti inqara dan il-messaġġ qasir:**

F'dawk l-inħawi tal-Girgenti, jiena rrid ukoll li jkun hemm l-għuda tas-salib fejni biex id-dinja tkun taf li dak qiegħed fejni bħala rahan ta' fidwa, mhux biss għal-gżejjer ta' Malta u Għawdex tagħkom, imma għad-dinja kollha.... Dan is-Salib għandu jservi bħala mezz ta' paċi biex jgħaqqad id-dinja kollha ma' Malta, għax jekk intom f'Malta turu l-vera qawwa tal-fidi tagħkom, minn Malta tista' tibda l-paċi. Ħejju ruħkom għal ħafna talb, dawk li ma jistgħux jagħmlu mortifikazzjoni jew penitenza ma jimpuratx, jitolbu lill-Mulej, jitolbu lill-qaddisin li hemm fis-sema biex dawna b'mod speċjali jgħinukom għall-bqija tal-pajjiż tagħkom, għall-futur ta' Malta u għall-bqija tad-dinja biex dina l-paċi tkun tista' tibda ssaltan minn artkom għal artijiet oħra.

Issa itla' ippreżentah inti dan is-salib u għidilhom li fejn din l-istatwa l-Madonna trid ukoll li jkun hemm l-għuda tas-salib li fuqu ssammar Kristu Ġesù għas-salvazzjoni ta' l-umanità kollha tad-dinja, ta' kemm kien hawn nies

sa issa, tan-nofs, tal-preżent u ta' dawk illi jridu jiġu. Għid bih li dan is-salib irid iġib il-paċi bħalma darba ġabet il-paċi Santa Elena, meta ħaffret għal dawk it-tliet slaleb u minnhom instab is-Salib ta' Ġesù, u hekk ħa jiġri f'Malta tagħkom. Din in-naqra art ta' Malta tagħkom, żgħira kemm hi żgħira, tant hija prezzjuża quddiem Alla. Għalhekk Alla jrid u qed jaħseb ħafna għall-paċi f'nofskom għax mill-art tagħkom trid tibda ssaltan il-paċi. Issa dana li jiddependi minn nies li huma ta' rieda ħafna tajba u mill-bqija li huma ta' rieda hekk ħażina."

## "IT-TLIET INKINI"

Jekk taħseb ftit fuq id-devozzjonijiet li jinżammu u jiġu prattikati ad unur il-Qalb ta' Ġesù, l-Ewkaristija, l-Ispirtu s-Santu, il-Madonna, San Ġużepp u ħafna qaddisin oħra, tistagħġeb x'sensiela twila hemm minnhom, waħda isbaħ mill-oħra.

Persuna midħla tal-Moviment tagħna bagħtitli "devozzjoni" ad unur tal-Madonna, li forsi, ma tantx nafu biha, u li tissejjaħ "It-Tliet Inkini lil Marija Santissma".

Agħżel ħin li trid tal-ġurnata. Ftakar fil-Madonna; inġabar għal minuta u agħmel tliet inkini profondi b'dan il-mod:

- Qabel l-ewwel inkin għid:
  "Għall-UNUR TAT-TNISSIL BLA TEBGħA TA' MARIJA, VERA OMM ALLA".
- Qabel it-tieni inkin għid:
  "Għall-UNUR TAL-MATERNITÀ TA' MARIJA, VERA OMM ALLA".
- Qabel it-tielet inkin għid:
  "Għall-UNUR TAT-TLUGħ FIS-SEMA TA' MARIJA, VERA OMMA ALLA."

U mbagħad, b'rasek baxxuta, għid: Glorja lil Alla fil-għola tas-Smewwiet, lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Din id-devozzjoni kien għamilha Dun Ġorġ Preca, li għal żmien twil kien il-konfessur ta' Ġuża.

**FTAKAR:** Aktar ma taħseb fil-Madonna, aktar issir tħobbha!

**L-Editur**

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu suprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



# KURAĠĠ!

## GĦAL DAWK LI QEGĦDIN ISOFRU

Fil-laqgħat li kien ikollna ma' Ġuża, il-Girgenti, kif ukoll fil-messaġġi tagħha li kienet tibgħatilna meta ma kinetx tista' tkun magħna, konna nisimgħuha spiss tgħidilna, mhux biss biex nitolbu imma wkoll biex noffru it-tbatijiet tagħna lil Alla biex inpattu kemm għalina u kemm għall-oħrajn.

Ġuża kienet taf li l-Madonna kellha l-pjan tagħha għall-konverżjoni tal-midinbin. Biex il-Madonna tkun tista' twettaq dan il-pjan jeħtieġ li jkun hemm min joffri sagrifiċċi u jagħmel penitenza minn jeddu, kif ukoll oħrajn li jilħaqhom xi mard u tbatijiet oħra naturali, li jinqalgħu fil-ħajja ta' kulħadd, li jilqgħu dan in-niket mingħajr ħafna tgergir, u joffruhom 'l Alla bħala rigal ta' mħabba.

Min għandu fidi f'Alla u fil-Madonna m'għandux jibża' li se jkun imġiegħel ibati aktar milli jiflaħ. Minbarra l-ġid spiritwali li niksbu għalina stess, b'kull ma jkollna nsofru (mard u niket ta' kull xorta) aħna nkunu qed noffru lil Ommna Marija Santissma, il-mezz biex tkun tista' xxerred il-grazzji ta' kull xorta fuq il-bnedmin u speċjalment fuq dawk li nitolbu għalihom aħna.

Fost l-intenzjonijiet tal-Madonna, Ġuża kienet issemmilna mhux biss il-morda li kienu jiktbulha biex titlob għalihom imma kienet tinsisti fuq il-bżonn li jkun hawn il-paċi fid-dinja, li s-saċerdoti u r-reliġjużi jgħixu 'l-ħajja tagħhom ta' "konsagrati' 'l Alla, li dawk li qed jgħixu 'l bogħod minn Alla jerġgħu jersqu lejh bil-prattika tas-sagramenti, u, li l-familji u ż-żagħżagħ ikollhom l-għajnuna li għandhom bżonn.

Intenzjonijiet tajba ma jonqsux, għal min hu ġeneruż … u hu mimli mħabba għall-proxxmu. Għalkemm hemm żmien fis-sena meta għandna nagħmlu aktar penitenza, bħal fi żmien ir-Randan, it-talb u l-opri tajba huma ta' kull staġun; is-sena kollha hu żmienhom! Mhux biżżejjed li ngħidu li nħobbu lil Ġesù u 'l-Madonna. L-imħabba titqies b'kemm aħna kapaċi niddedikaw ruħna u nsofru għall-ħaddieħor.

Ġuża m'għadhiex magħna, għax kieku min jaf kemm kienet tkompli tħeġġiġna nissagrifikaw ruħna bi preparazzjoni għall-Ġublew tal-2000. Għalina, Membri tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, hemm il-Papa li għandu jiggwidana, imma l-ispirtu ta' Ġuża Mifsud għandu jibqa' dejjem magħna biex nibqgħu mixjin fit-triq li urietna hi. Mela nagħmlu kuraġġ u niżżu ħajr 'l Alla talli ppermettietilna jkollna xi ħaġa li Hu japprezza ħafna: it-tbatijiet u s-sagrifiċċi tagħna, li noffrulu b'imħabba sinċiera.

# GRAZZJI MAQLUGĦA

## 1. RAPPORT TA' TONY ATTARD, MINN B'KARA

*F'rapport twil u interessanti, Tony għarrafna bil-grazzji li qala' mingħand il-Madonna, permezz tat-talb ta' Ġuża Mifsud.*

Qabel ma kellu 18-il sena, Tony beda jsofri minn "depression" kbira. It-tabib tal-Isptar St. Luke's, Dr Mangion, ordnalu jieħu kalmanti. B'dawn il-pilloli id-*depression* ġiet ikkontrollata; imma meta kien ma joħodhomx, kien itih attakk qawwi.

Xi tliet snin ilu, tony kien għaddej minn quddiem id-dar ta' Ġuża u mal-bieb lemaħ Poster tal-laqgħat ta' talb li jsiru il-girgenti. B'hekk sar jaf lil Ġuża. Kitbilha ittra u spjegalha il-każ tiegħu u qalilha biex titlob għalih.

L-għada, Ġuża ċemplet id-dar tiegħu u, peress li ma kienx hemm, Ġuża kellmet lil ommu u qaltilha: "Dak mhux se jibqa' jieħu pilloli; dak se jfiq". Għalhekk Tony qata' l-pilloli, u, għalkemm kien ilu joħodhom għaxar snin, id-*depression* għebet għal kollox, u ma kellu qatt aktar *depression*.

Meta mar għal-laqgħa il-Girgenti, Tony kellem lil Ġuża u fakkarha li kien bagħtilha l-ittra. Mill-ewwel għarfitu u qaltlu: "Agħmel kuraġġ, il-Madonna se ttik l-għajnuna". Tony jgħid li mill-ewwel ħass li l-Madonna kienet qed tgħinu, u għadha tgħinu sal-lum, meta għandu tnejn u tletin sena.

### *ĠRAJJA KURJUŻA*

Tony jirrakkonta li, xi ġranet wara li kien mar l-ewwel darba il-girgenti, ġietu x-xewqa li jmur iżur lill-Madonna, għodwa waħda matul il-ġimgħa. It-temp kien imsaħħab ħafna. Hu jgħid li kien qiegħed jitlob quddiem l-istatwa tal-Madonna meta, f'daqqa waħda, l-ispazju bejn l-istatwa u r-razzett fit-tarf l-ieħor, imtela b'kulur oranġjo, kien qisu sħab fin ħafna u dak il-ħin feġġet ix-xemx. Ix-xemx dehret ta' kulur ċelesti. Għall-ewwel beża' imma mbagħad niżel għar-rkobbtejh, għax ħass li kien bħal miraklu. Ma kienx hemm nies oħra fil-post, dak il-ħin. Dan il-fenomenu dam xi ftit minuti u kollox reġa' ġie bħal qabel.

### *IL-GRAZZJA TA' OMAR MICALLEF, IN-NEPUTI TA' TONY*

Omar Micallef minn San Gwann, sentejn ilu, meta kellu 15-il sena, kien ħa xemxata qawwija f'xatt il-baħar. Telagħlu deni għoli ħafna, ta' mija u ħames gradi. L-għada, flimkien ma' ohtu, li tiġi omm it-tifel, Tony ħa lil Omar l-isptar bil-karrozza tiegħu. Peress li Tony kien iġorr dejjem fis-satchel tiegħu flixkun ilma tal-Girgenti, ħa minn dan l-ilma u għamilulu fuq moħħu li kien jaħraq ħafna. It-Tnejn, Tony u omm it-tifel, talbu 'l-Madonna biex Omar ma jmutx. L-għada, Tony ħa flixkun ilma ieħor (mill-Girgenti) u qal lin-nurse biex tisqih lil Omar, mingħajr ma qalilha dak l-ilma x'kien! In-nurse għamlet kif ried hu, għax ħasbitu ilma minerali. Sadattant sar ħafna talb biex il-Madonna, bl-interċessjoni ta' Ġuża, tfejjaq lit-tifel.

Wara ġimgħatejn, Omar ħareġ mill-isptar qawwi u sħiħ.

### *L-AĦĦAR MESSAĠĠ TA' ĠUŻA LIL TONY*

Tony jgħid li xi ġimgħatejn qabel ma mietet, Ġuża ċemplitlu id-dar tiegħu (għax reġa' kitbilha), u qaltlu li kienet ma tiflaħx ħafna u li kellha barxa fl-istonku tagħha. Tony jispiċċa r-rapport tiegħu hekk: "Jien għidtilha: Għax ma tagħmilx operazzjoni? u hija qalet: "Nibża'; inħalli f'idejn il-Mulej; li qed inbati, noffrih għall-bżonnijiet tiegħek".

Jiena tħassartha, għax naf kemm hija mara twajba, Ġuża! Jiena nixtieq nirringrazzjaha ħafna għaliex qabel, u anke issa, għadha titlob għalija u għal kull min jitlobha bil-qalb. **Dik għad trid tilħaq qaddisa kbira 'l quddiem!**"

## 2. RAPPORT TA' CARMEN GARCIA, MINN TARXIEN

Carmen tgħid li kienet bagħtet rapport ta' grazzja lil Guża Mifsud, snin ilu, imma din il-grazzja qatt ma dehret f'***Leħen il-Girgenti***. Għalhekk qed nippubblikawha llum.

It-tifla ta' Carmen, Isabelle, sa minn meta kien għad għandha tliet snin, dehrulha bħal tliet għazziet (*mole*) skuri fuq in-naħa ta' fuq tal-moħħ. Qalulhom li kienu felul. Għalhekk ippruvaw ineħħuhomlha billi ħarquhomla. Dawn l-għazziet baqgħu hemm u saru suwed. It-tabib ta' l-isptar wissihom biex ma jmissuhomx jekk mhux b'operazzjoni. Xejn ma sar biex dawn l-għazziet jisparixxu; la mediċini u l-ebda ungwent. Imma darba, Carmen u l-familja, saru jafu b'Ġuża u l-Girgenti. Kien il-Ħadd ta' Mejju jew Ġunju 1989, meta Carmen, ir-raġel u Isabelle, li kienet kibret f'xebba ġmielha, telgħu l-Girgenti. Għalkemm l-ilma fil-ħawt kien imdardar u xejn ma ħajjar lil Isabelle, ommha b'fidi qawwija fil-Madonna, ħadet mill-ilma u xappet bih, moħħ it-tifla. Qabel ma ħallew l-għalqa ta' talb, qalu r-rużarju b'devozzjoni kbira.

Għaddew xi ġranet u Carmen indunat li l-għazziet kienu bjadu. M'għaddiex ħafna żmien sa ma dawk li kienu jsejħulhom għazziet għebu għal kollox.

Carmen tgħid li minbarra din il-grazzja, hi kellha grazzji personali oħra li wassluha biex saret temmen bis-sħiħ f'Ġuża u l-ġrajjiet tal-Girgenti. It-tifla żżewġet u saret Isabelle Gatt. Il-familja Garcia tirringrazzja lill-Madonna għal dak kollu li għamlet magħhom.